

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2018/1887****tat-30 ta' Novembru 2018****li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/176/Euratom, KEE li tawtorizza lil Franza biex ma tikkunsidrax ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet u biex tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT***(notifikata bid-dokument C(2018) 7866)***(Il-verżjoni Franċiża biss hija awtentika)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari t-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 371 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE <sup>(2)</sup>, Franza tista', f'konformità mal-kundizzjonijiet li ilhom japplikaw f'dak l-Istat Membru mill-1 ta' Jannar 1978, tkompli teżenta t-tranżazzjonijiet elenkati fil-Parti B tal-Anness X ta' dik id-Direttiva. Skont dak l-Artikolu, dawk it-tranżazzjonijiet iridu jitqiesu għad-determinazzjoni tal-bażi tar-riżorsi proprji tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/176/Euratom, KEE <sup>(3)</sup>, Franza kienet awtorizzata biex, fost l-oħrajn, tapprossimizza l-istimi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT fir-rigward ta', fost l-oħrajn, it-tranżazzjonijiet li issa huma msemmija fl-punt 8 tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-provvista tal-ilma mill-awtoritajiet pubbliċi.
- (3) Fl-ittri tagħha tas-26 ta' April 2018, Franza talbet awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni biex tuża perċentwal fiss tal-bażi intermedja għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 8 tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE rigward il-provvista tal-ilma mill-awtoritajiet pubbliċi. Franza wriet li l-perċentwal applikat għall-bażi intermedja baqa' stabbli bejn l-2012 u l-2016. L-awtorizzazzjoni biex tuża peċentwali fissi tnaqqas iktar il-piż amministrattiv tal-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għal dawn it-tranżazzjonijiet. Għaldaqstant Franza jenħtieġ li tiġi awtorizzata li tikkalkola l-bażi tar-riżorsi proprji tagħha billi tuża perċentwal fiss fir-rigward tal-provvista tal-ilma minn korp irregolat mil-liġi pubblika.
- (4) Għal finijiet ta' trasparenza u ċertezza legali huwa xieraq li l-applikabbiltà tal-awtorizzazzjoni tintrabat b'limitu ta' żmien.
- (5) Għaldaqstant id-Deċiżjoni 90/176/Euratom, KEE jinħtieġ li tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fid-Deċiżjoni 90/176/Euratom, KEE jiddaħħal l-Artikolu 2c li ġej:

*"Artikolu 2c*

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2(3) ta' din id-Deċiżjoni, għall-fini tal-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020, Franza hija awtorizzata li tuża 0,02 % tal-bażi intermedja fir-rigward tat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 8 tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE."

<sup>(1)</sup> ĠUL 155, 7.6.1989, p. 9.<sup>(2)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/176/Euratom, KEE tat-23 ta' Marzu 1990 li tawtorizza lil Franza biex ma tikkunsidrax ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet u biex tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (ĠU L 99, 19.4.1990, p. 22).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*  
Günther OETTINGER  
*Membru tal-Kummissjoni*

---